# ĦAL-KIRKOP
## fil-Perjodu Puniku

Fl-artiklu li deher qabel dan, H.C.R. Vella tkellem fuq Ħal Kirkop fi Żmien il-Ħaġar. F'dan l-istudju se naraw kif din l-istess żona kienet ukoll abitata fil-Perjodu Kartaġiniż jew Puniku.

Il-Gżejjer Maltin x'aktarx ġew okkupati mill-Feniċi fit-tieni nofs tas-seklu IX qabel Kristu. Dan it-tagħrif niksbuh mill-iskavi arkeoloġiċi li saru f'Tas-Silġ, Marsaxlokk, minn grupp ta' esperti Taljani fis-snin sittin, fejn instabu l-fdalijiet ta' tempju ddedikat lil alla Astarte. Barra minn hekk, dan iż-żmien nikkonfermawh ukoll minn numru ta' oqbra li fihom instabu oġġetti tal-fuħħar ta' bixra Feniċja.

Jidher illi matul dan il-perjodu ħafna partijiet tal-Gżejjer Maltin kienu abitati. Dan għaliex oqbra Feniċi u Puniċi nstabu kważi kullimkien. Iżda l-aktar li nstabu kien fir-Rabat ta' Malta, fl-inħawi tal-Port il-Kbir, u fir-Rabat ta' Għawdex. L-evidenza arkeoloġika turi li x'aktarx dawn kienu l-iktar ċentri ta' abitazzjoni importanti fil-Gżejjer Maltin. L-oqbra Puniċi l-oħra nstabu f'inħawi rurali jew qrib il-kosta, li sa ċertu punt jindika li l-abitanti ta' dak iż-żmien kienu x'aktarx marbuta l-aktar max-xogħol ta' l-art jew mas-sajd. B'kollox s'issa nstabu aktar minn 650 qabar Puniku f'dawn il-Gżejjer.

F'Ħal Kirkop s'issa nstabu biss żewġ oqbra Puniċi. Għalkemm in-numru huwa pjuttost żgħir, xorta waħda huwa importanti għaliex juri li f'dan iż-żmien dawn l-inħawi kienu wkoll abitati. Ta' min igħid ukoll illi din il-parti ta' Malta x'aktarx kienet abitata mhux ħażin. Dan insiru nafuh minn numru ta' oqbra Puniċi li nstabu fiż-Żurrieq, il-Qrendi, l-Imqabba u Ħal Safi, kif ukoll minn fdalijiet ta' bini li jmur lura għal dan iż-żmien. Fost dawn insemmu l-fdalijiet ta' bini Puniku, x'aktarx ta' xi torri, li llum jinsabu fil-ġnien tad-dar ta' l-Arċipriet taż-Żurrieq. Minn dokumentazzjoni tas-seklu XVIII jidher li kien hemm iżjed fdalijiet marbuta ma' dan il-bini. Però, peress li maż-żmien inħass il-bżonn li jinbnew djar ġodda, parti minn dan il-bini twaqqa'.

L-ewwel qabar Puniku li nstab f'Ħal Kirkop kien nhar is-17 ta' Lulju, 1928, fl-inħawi magħrufin bħala Tar-Ramlija. Bħal kull qabar Puniku ieħor (ara disinn f'paġna 8), dan kien magħmul minn ħofra maqtugħa fil-blat u minn kamra maqtugħa f'wieħed mill-ġnub ta' din il-ħofra. Il-ħofra (magħrufa bl-Ingliż bħala "shaft") kienet ta' għamla rettangolari, filwaqt li l-kamra kienet ta' għamla tonda jew ovali. Biex wieħed jasal għad-daħla tal-kamra kien hemm madwar erba' tarġiet maqtugħa f'wieħed mill-ġnub tal-ħofra tal-qabar. Fil-kamra kien hemm speċi ta' trinka maqtugħa fl-art, li x'aktarx kienet tintuża biex fiha jitpoġġew xi fdalijiet ta' difniet antiki, kif ukoll niċċa ċkejkna li fiha kien jitpoġġa xi musbieħ. Ta' min isemmi illi ħafna mill-oqbra Puniċi kienu jintużaw għal aktar minn difna waħda peress li dawn setgħu kienu oqbra tal-familja.

F'dan il-qabar instabu l-fdalijiet ta' ġisem uman, però s-sess tiegħu ma kienx identifikat. Jidher li dan il-qabar kien diġà ġie misruq qabel peress li fil-qabar ma nstabux oġġetti tal-fuħħar ħlief għal xi ftit biċċiet ta' fuħħar Puniku.

It-tieni qabar instab fid-19 ta' Lulju, 1943, fl-inħawi magħrufa bħala Ta' l-Imdiek. Dan kien jikkonsisti f'ħofra u kamra rettangolari. Biex wieħed jasal għad-daħla tal-qabar kien hemm sitt tarġiet maqtugħa f'wieħed mill-ġnub tal-ħofra. Bħall-qabar l-ieħor, fil-kamra kien hemm trinka maqtugħa fl-art u niċċa żgħira biex fiha jitpoġġa xi musbieħ. Dan il-qabar jidher li kien diġà ġie misruq, għaliex fih instabu biss fdalijiet żgħar ta' għadam uman u xi biċċiet ta' fuħħar Puniku.



Pjanta ta' wieħed mill-oqbra Puniċi li nstabu f'Malta

Minħabba l-fatt li dawn l-oqbra nstabu misruqa, ma tantx nistgħu niksbu aktar tagħrif fuq in-nies li ndifnu fihom. La nafu min kienu u lanqas x'kienu jagħmlu fil-ħajja tagħhom. Però jibqa' l-fatt li f'dan iż-żmien in-nies ukoll raw l-importanza ta' dawn l-inħawi għaliex kieku ma kinux jabitaw fihom.

Għalhekk huwa importanti li meta xi ħadd isib xi fdalijiet antiki, bħal xi qabar, jinforma minnufih lill-awtoritajiet ikkonċernati biex ikunu jistgħu jagħmlu l-istħarriġ meħtieġ qabel ma' dawn jintilfu għal dejjem, kif ħafna drabi jiġri. B'hekk inkunu mhux biss qed insalvaw il-wirt li ħallewlna missirijietna, iżda nkunu nistgħu ngħadduh ukoll lill-ġenerazzjonijiet ta' warajna.

**George A Said-Zammit**
*30 ta' Mejju 2000*

**Referenzi**

Museum Annual Report for the Year 1928-1929. Malta Government Press.
Museum Annual Report for the Year 1946-1947. Malta Government Press.
Said-Zammit, G.A., 1997. Population, Land Use and Settlement on Punic Malta. Oxford: Archaeopress.